MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-28 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 33/2002/1

**Benny Sultana**

**vs**

**Mario Cocker**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi l-konvenut nkariga lill-attur sabiex jaghti servizz ta’ video recording fl-okkazjoni ta’ tieg ta’ Joseph u Margaret konjugi Sultana fis-seba (7) ta’ Lulju tal-elf disa’ mija u disgha u disghin (1999).

Illi in segwitu ta’ dan l-inkarigu ghada dovuta s-somma ta’ mija u tnejn u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm172.50).

Illi l-konvenut kien jipprometti lill-attur li ser ihallsu fi ftit zmien wara li jkun thallas minghand il-klijenti tieghu.

Illi l-esponenti ikkonceda ftit taz-zmien izda ricentement il-konvenut qed jirrifjuta li jhallas dan id-debitu.

Illi minkejja interpellat diversi drabi dan il-hlas ghadu ma sarx.

Illi qed jintalab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut li jhallas din is-somma flimkien ma’ l-imghax mid-data tas-servizz cioe’ fis-7 ta’ Lulju 1999 sad-data tal-hlas effettiv u flimkien ukoll ma’ l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri u dawk tal-ittra interpellatorja datata 18 ta’ Ottubru 2001 u tal-ittra ufficjali spedita f’Dicembru 2001.”

Ra r-risposta:

“Illi preliminarjament dan it-Tribunal mhuwiex kompetenti biex jisma’ din it-Talba u dana a tenur tal-Artikolu 3(4) tal-Kap 380.

Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub huwa soggett ghall-preskrizzjoni ta’ sentejn skond subartiklu 2149 (c) tal-Kap 16.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut ma huwiex il-legittimu kontradittur u dana stante illi jekk sar xi ftehim dana sar bejn l-attur u l-konjugi Sultana, apparti ghall-prezz ta’ sebghin Lira Maltin (Lm 70.00) illi gie miftiehem bejn il-konjugi u l-konvenut fil-prezenza u bl-assens tal-attur illi kienu sejrin jigu mhallsin lill-konvenut limitatament ghall-*editing* tal-*video* biss. L-attur kien fil-fatt ukoll qal lill-konjugi Sultana illi lest jahdmilhom b’xejn, u se mai u jekk sar xi ftehim ta’ hlas bejniethom, it-talbiet attrici ghandhom jigu diretti lejhom. Is-suespost diga’ gie spjegat permezz ta’ ittra bonarja lill-attur illi madanakollu xorta baqa’ jinsisti.

Illi fi kwalunkwe u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont rikjest mill-attur huwa manifestament eccessiv.

Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici."

Ra l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni a bazi tal-artiklu 2148(a) Kap 16 ivverbalizzata fl-udjenza tas-26 ta' Novembru 2002 a fol 25 tal-process;

Sema l-provi;

Ikkunsidra:

Mill-provi rrizulta li proprjament l-ammont huwa dovut minhabba xoghol ta' natura kummercjali kkummissjonat minn terzi u esegwit bi shab bejn il-partijiet kontendenti; bl-attur jaghmel ix-xoghol ta'tehid bil-video u l-konvenut jigbed ir-ritratti ta' tieg. Kieku l-avviz tat-talba kien ibbazat fuq dan il-*partnership* forsi ma kinux jistghu jigu applikati ghalih il-preskrizzjonijiet sollevati mill-konvenut. Billi pero' h*uwa principju generali illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri*[1] huwa lejn dawn, u dawn biss, li jrid ihares it-Tribunal sabiex jara jekk il-prosegwiment tal-azzjoni jistax jigi ostakolat minn xi wiehed mit-termini ta' preskrizzjoni imressqa mill-konvenut. Difatti inghad ukoll b'awtorita' illi *l-ezami tal-preskrizzjoni kellha tigi nkwadrata fil-qafas tal-azzjoni intentata*[2] kif ukoll li *huma l-premessi tal-atturi fic-citazzjoni u t-talbiet taghhom li jiddeterminaw il-parametri tal-azzjoni u li konsegwentement huma dawn li jiddeterminaw liema perjodu preskrittiv estintiv tal-azzjoni kellu japplika*[3]. Huwa car mill-avviz tat-talba li l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' servizz ta'video recording esegwit fuq inkariku tal-konvenut. Bejn l-esekuzzjoni tax-xoghol (7 ta' Lulju 1999) u l-ittra ufficcjali (Dicembru 2001) ghaddew iktar minn sentejn, u ghalhekk iddikorra bizzejjed zmien biex l-azzjoni tigi kolpita, jekk dawn tabilhaqq huma applikabbli, kemm taht il-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar (art 2148(a) Kap 16) kif ukoll taht il-preskrizzjoni ta' sentejn (art 2149(c) Kap 16).

---

[1] Joseph Scicluna et vs Alfred Sultana et 27.06.2003 Onor P Sciberras Prim'Awla
[2] Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma vs Oil and Construction International Ltd – 28.04.2004 – Onor P Sciberras, Qorti tal-Appell
[3] Alexander Gray Bannerman et vs John Camilleri et – Qorti tal-Appell, 08.06.1998

Fit-test originali, artiklu 2148 (a) (allura parti mill-artiklu 1912 tal-Ordinanza), il-kliem rilevanti kien *ed altre persone esercenti mestieri od arti meccaniche*; filwaqt li artiklu 2149(c) (li kien parti mill-artiklu 1913 tal-Ordinanza) kien jghid *ed altre persone esercenti altre professioni od arti liberali.*

Dawn iz-zewg disposizzjonijiet gew interpretati f'dawn l-ahhar snin mill-Qorti tal-Appell[4] kollegjalment komposta. Hija qalet li, kuntrarjament ghal dak li kien intqal mill-qorti tal-prim'istanza, dawn l-artikli m'ghandhomx jigu nterpretati b'mod restrittiv, li jvarjaw minn kaz ghal kaz[5] u fl-ispirtu tal-lum ghax meta dawn l-artikli gew ippromulgati ma kinux jezistu cameras u videos jew televizjoni u l-ebda mill-gbid u produzzjoni ta films b'mezzi teknici kif nafuhom illum. Il-Qorti kompliet tghid li l-gbid ta'films on site bil-cameras u mezzi ohra sofistikati tal-lum fil-fotografija u wara jintwerew fuq televizjoni tista' facilment tikklassifika bhala sengha jew arti mekkanika ghax dan il-kwalita' ta' xoghol necessarjament jinvolvi certa sengha jew arti biex bil-cameras u videos taghzel l-ahjar angoli inti u tigbed il-films. Ix-xoghol tal-konvenut, f'dik il-kawza kien ta' producer ta' films on site bil-cameras, videos u mezzi sofistikati fil-fotografija. Il-Qorti qalet li xoghol bhal dan seta' wkoll jaqa' taht l-artiklu 2149(c) fuq imsemmi. Hija kompliet tghid li llum il-kelma professjoni mhix ristretta ghal periti, tobba jew avukati izda l-lista kulma tmur tikber u tirreferi f'dan il-kuntest ghal kull vokazzjoni jew sejha abbinata ma' kors ta' studju, bhal per ezempju gurnalista, graphic designer, fotografu, film producer, advertiser u interior decorator li kollha ma tistax taghmilhom minghajr il-kwalifici necessarji[6]

Ghalhekk huwa car li l-opra pprestata mill-attur hija kolpita bil-preskrizzjoni, kemm jekk taqa' taht l-artiklu 2148(a) kif ukoll jekk taqa' taht l-artiklu 2149(c) tal-Kodici Civili. Ma

---

[4] John R Portelli vs C Fino & Sons Ltd – 07.10.1997 – Qorti tal-Appell LXXXI.ii.766
[5] il-Qorti kkwotat Vela noe vs Formosa noe rapportata fit-Times 14.08.1989 – Qorti tal-Kummerc per Imhallef JD Camilleri
[6] din is-sentenza giet ikkwotata b'approvazzjoni f' Peter Busuttil vs Public Broadcasting Services Limited – 28.04.2004 – Onor. P Sciberras, Qorti tal-Appell.

giex ippruvat li l-preskrizzjoni giet b'xi mod interrotta jew rinunzjata.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet kollha tal-attur bl-akkoljiment tal-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati mill-konvenut, bl-ispejjez a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------